MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Numru 1043/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cutajar**

v

**JOSEPH CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CARUANA** ta' wiehed u tletin sena bin Francis u l-mejta Carmen nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Ottubru 1973 u residenti 15, 'Fleur', Triq il-Blajjiet, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita numru 475773M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Wied il-Ghajn, nhar l-Hadd, tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004, ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-mara tieghu Joanna Caruana Bayliss, billi tefa' cilindru tal-gass fid-direzjoni taghha, l;iema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga ccidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immiobbli, u cioe ghamel hsara fit-tarag, fil-bieb ta' barra tal-fond taghhom, kif wkoll f'xi ghamara ohra tad-dar ghad-dannu tal-mara tieghu Joanna Caruana Bayliss, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-hames mitt lira maltin izda huwa izjed minn hamsin lira maltin;

3. Talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' martu Joanne Caruana Bayliss minn Marsaskala f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha liema offiza hija ta' natura hafifa skond ma ccertifika Doctor Mario M. Abela MD tac-Cetnru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

4. Talli ingurja jew hedded lil istess martu Joanne Caruana Bayliss bi kliem;

5. Talli hedded lil Kuntistabbli 953 Lawrence Cassar bil-kliem 'ingerrbek t-tarag kollu";

6. Talli saq jew ipprova jsuq, jew kellu l-kontroll tal-vettura tal-ghamla Renault Megane, bin-numru ta' registrazzjoni BAG 389 jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f"post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

7. Talli saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontrol tal-istess vettura li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urinia kien izjed mill-limiti preskritt;

8. Talli saq l-vettura tieghu b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

9. Talli bil-lejl kiser l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

10. Talli ghad li kien xurban, qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku;

11. Talli hebb ghal Joanne Caruana Bayliss sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

12. Talli qal kliem jew espressjonijiet ta’ dagha;

13. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja sabiex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmintax ta’ Novembru 2005 [fol 94] sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta’ Dicembru 2005, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta a fol 95 tal-atti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju nhar t-tletin ta’ Jannar 2006.

Semghet lil partijiet jittrattraw l-kawza fl-istess seduta ta’ nhar t-tletin ta’ Jannar 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 **xehed l-Ispettur Anthony Cassar** [fol 12] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2004 ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija, l-Pulizija kellha rapport minn Joanne Caruana Bayliss minn Wied il-Ghajn, li kien ghadu kif kellha

incident fir-residenza taghha f'Wied il-Ghajn mar-ragel taghha. Hija nfurmat lil Pulizija li zewgha kien qed ibati minn problema ta' xorb u kien ilu jbati minnha ghal zmien twil tant li anke mill-bidu taz-zwieg taghhom. Qalet li dak iz-zmien kienu ghaddejjin minn problemi matrimonjali u li dakinhar zewgha kien aggressiv maghha u ried li jkollu x'jaqsam maghha u hi ma rieditx peress li kien juri nuqqas ta' rispett fil-konfront taghha peress li jixrob hafna. Qalet li dakinhar zewgha kien xorob ammont konsiderevoli ta' birra u whisky u meta hi rrifjutatu, spicca aggressiv maghha.

L-Ispettur Anthony Cassar kompla jghid li Joanne Caruana Bayliss kompliet tirrapporta li zewgha dakinhar qabad u qatta l-flokk ta' taht minn fuqha u beda jiffittaha sabiex ikollu x'jaqsam maghha pero hi baqghet tinsisti u hu beda jidghi u jghajjat u qabadha minn ghonqha u kien ser jifgaha pero hi irnexxilha ttajjarlu idejh minn fuqha u harbet tigri minn fuq is-sodda. Imbaghad zewgha qabad *lampshade*, sabbatha mal-art u kissirha. Qal li din qaltlu li wara rnexxielha ccempel lil Pulizija u nizlet tigri t-tarag sabiex tahrab mid-dar pero l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, qabad cilindru li kien hemm fid-dar u tefghu fid-direzzjoni ta' martu w ghadda zbrixx minn maghha u fejn waqa kisser w ghamel hsara fit-tarag tad-dar matrimonjali. Qaltlu wkoll li zewgha l-impatut beda jheddidha u kif harget barra, lahqu gew il-Pulizija. Zied jghid l-imputat kif kien fis-sakra, beda jhedded lil Pulizija, dahal fil-vettura tieghu Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni BAG 389 u saqha pero lahaq waqfu l-Pulizija li qallu biex jitfa mal-hajt. Joanne Caruana Bayliss allegat mieghu wkoll li dik mhux l-ewwel darba li zewgha kien aggressiv maghha u li gieli anke xejjer xi strument li jaqta u bil-ponta fid-direzzjoni taghha u wara jqatta s-sufan tad-dar.

Kompla jghid li in segwitu hu baghat ghal imputat fejn hadlu stqarrija fil-presenza ta' PC 190 Jesmond Farrugia li esibixxa bhala dokument AC 1 [fol 15]. Gharaf fuq l-istess, il-firma tieghu, tal-imputat kif wkoll ta' PC 190 Jesmond Farrugia. Ix-xhud qal li meta interroga lil imputat, dan kien qallu li hu membru tal-Forzi Armati ta' Malta bhala *gunner* bin-numru 86332 u li kien stazzjonat

Luqa Barracks dak iz-zmien. Zied jghid li l-imputat qallu wkoll li kellu problema ta' xorb u li dakinhar kien xorob diversi fliexken birra u whisky.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 **xehed PS 1330 Alexander Schembri** [fol 20] fejn qal li nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novmebru 2004 ghal habta tad-disgha w nofs jew l-ghaxra ta' bil-lejl, waqt li kien l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz Zabbar, gie nfurmat minn Joanne Caurana Bayliss li kellha bzonn l-assistenza tal-pulizija peress li zewgha l-imputat kien aggrediha. Qal li minnufih baghat lil PC 953 Lawrence Cassar f'Wied il-Ghajn u ftit wara infurmah li kellu bzonn aktar Pulizija sabiex jghinuh peress li anke fil-konfront tieghu, l-imputat kien aggressiv w ghalhekk mar hu stess fuq il-post.

Kif waslu fuq il-post sab cilindru tal-gass vojt mal-bieb tar-residenza ta' Joanne Caruana Bayliss u lil imputat riekeb f'karozza Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni BAG 389 <u>jaghmel U turn fl-istess triq</u>. Qal wkoll li wara ftit irnexxielu jwaqqaf lil imputat milli jsuq. Qal wkoll li Joanne Caruana Bayliss qaltlu li zewgha kien xurban u li kellha diversi problemi mieghu minhabba xorb eccessiv. Qaltlu li dakinhar kien xorob xi Heineken u nofs flixkun whisky d-dar stess jaghmel is-soltu u hebb ghalija waqt li kienet qed tara t-televison. Qaltlu li hin minnhom mar hdejha u qabadha minn ghonqha u kien ser jifgaha u wara li ssarat mieghu, harbet minn hdejh u kif qamet minn fuq is-sodda fejn kienet, l-imputat qabad il-flokk li kellu fuqu u nezghu u waddbilha *lampshade* tac-ceramika. Ix-xhud qal li hu ra l-imsemmija *lampshade* mal-art miksura. Qaltlu wkoll li zewgha tant kien aggressiv li ddecidiet li tmur torqod ghand ommha z-Zejtun pero appena nizlet t-tarag biex tahrablu, waddbilha cilindru tal-gass vojt. Ix-xhud qal li hu ra wkoll l-imsemmi cilindru tal-gass fuq il-post.

Kompla jghid li huma akkumpanjaw lil imputat l-Ghassa filwaqt li lil Joanne Caruana Bayliss baghatha ma PS 1156 c-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid fejn giet ezaminata minn Doctor Mario M. Abela li ccertifikha li kellha xi sinjali ta' hmura fuq ghonqha u xi grief hafif. Qal li hu kien informa lil imputat li kien qed isuq taht l-

influwenza ta’ xorb u li kien ser jghamillu l-*breathyliser test* li rrizulta posittiv ta’ 61mg u wara informa lil Ispettur b’dan li rrizultalu w ittiehdet stqarrija. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument AC 4 [fol 23].

In kontro ezami x-xhud qal li hu mar fuq il-post adjacenti fid-dar u dar dawra mieghu. Mistoqsi x’tip ta’ hsara rrikiskontra, ix-xhud qal li ra l-hsara konnessa ma *lampshade*, u hsara fit-tarag tad-dar, l-ahhar erbgha turgien. Qal li l-hsara kienet mill-bieb ‘l gewwa. Qal li c-cilindru tal-gass kien wiehed regolari mahrug mill-Enemalta u dan sabu fuq t-targa pero PC 953 Lawrence Cassar kien qallu li kien sabu wara l-bieb fejn wkoll kien hemm hsara fuq n-naha ta’gewwa tieghu.
Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 **xehdet Joanne Caruana Bayliss** [fol 28] fejn qalet li ghalkemm tigi mart l-imputat tghazel li tixhed f’dawn il-proceduri. Qalet li nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2004, hi ghal habta tat-tmienja w nofs ta’ filghaxija, kienet qed tara t-television fil-kamra tas-sodda taghha u zewgha l-imputat, li gharfet presenti fl-awla, mar fuqha u ried ikollu x’jaqsam maghha bilfors u hi ma rieditx ghaliex ma kienx qed juriha rispett. Qalet li hu kien fis-sakra mejjet ghaliex kien ilu jixrob mill-hamsa ta' wara nofsinhar. Qalet li zewgha beda jirrabbja, qaccat il-flokk minn fuqu w ghamel idu ma ghonqha. Qalet li hasset li ma setghetx tibqa sejra hekk w iddecidiet li tqum u tmur torqod ghand ommha pero hu beda jidghi u jirrabbja u qabad *lampshade* u waddabha mal-art u kissirha. Qalet li sa dak l-hin hi lahqet libset u marret iccempel lil Pulizija. Qalet li zewgha lahaq libes wkoll u hi ppruvat tohrog barra tistenna lil Pulizija u hekk kif kienet niezla t-tarag tad-dar, zewgha qabad cilindru tal-gass u tefghu fid-direzzjoni taghha li ghadda zbrixx minn maghha w ghamel hsara fil-muzajk tat-tarag tad-dar u fil-bieb fuq gewwa. Qalet li zewgha lahaq ipparkkja u hekk kif gew il-Pulizija qaltilhom biex iwaqqfuh ghaliex kien fis-sakra. Qalet li zewgha beda jhedded lil Pulizija u beda jghidilhom li kien ser jitfaghhom t-tarag ghal isfel.

Qalet li meta l-imputat tefa’ c-cilindru tal-gass, kienu hi u hu biss. Qalet li c-cilindru kien hemm hekk sabiex meta jigi tal-gass, tbiddlu ma wiehed gdid. Ziedet tghid li wara l-imputat hareg mid-dar, dahal fil-karozza tieghu Renault Megane bin-numru ta’ registrazzjoni BAG 389, u kienu l-Pulizija li waqqfuh milli jsuq. Qalet li l-incident dam xi ghoxrin minuta ghaddej qabel ma gew il-Pulizija. Qalet li meta hi harget barra, hargu anke xi girien taghha fit-triq. Qalet li l-imputat la waqqafha milli tilbes u lanqas milli ccempel lil Pulizija. Qalet li wara l-incident ma regghetx iltaqghet mal-imputat hlief meta mar biex jigbor hwejjgu fuq ordni tal-Qorti, pero dakinhar ma tkellmux. Qalet li kien minnu li l-imputat sabbat l-*lampshade* mal-art u mhux fid-direzzjoni taghha. Qalet li stima tal-hsara fuq il-musajk ghad ma ghandhiex.

Qalet li hi qabel kienet membru tal-Korp tal-Pulizija pero dak z-zmien kienet qed tirregistra. Ziedet tghid li zewgha jahdem mal-Forzi Armati.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Otubru 2005 **regghet xehdet Joanne Caruana Bayliss** [fol 88] fejn esibit xi ritratti li hadet hi stess tal-hsara li sofriet dakinhar tal-incident in dezamina li gew mmarkati bhala dokument S [fol 90].

Illi nhar s-sittax ta’ Mejju 2005 **xehed Trevor Calafato** [fol 46] fejn qal li hu ghandu *provisional order supervision* u li kien ghamel kuntatt mal-imputat f’zewg okkazzjonijiet u ma martu kif wkoll mas-Sedqa. Qal li l-imputat zamm kuntatt mieghu b’mod regolari. Qal li meta tkellem ma tas-Secdqa, dawn qalulu li l-imputat kien zamm kuntatt regolari maghhom ghal dawk l-ahhar sentejn. Zied jghid li ghal bidu, mart l-imputat kienet tmur mieghu pero wara l-incident ta’ Nocvembru l-imputat kien imur wahdu. Qal li huma ddeskrivew lil imputat bhala klijent kostanti u li bejn Jannar u Frar l-imputat kien xorob xi ftit pero minn Frar ‘l quddiem ma regghax xorob. Qal li ma kienx hemm incidenti ohra u l-imputat kien jidher li kien determinat li jikkontrolla l-vizzju mishut tieghu.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehed PC 770 Trevor Mallia** [fol 48] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl waqt li kien stazzjonat l-Mobile kien gie msejjah imur l-Ghassa Haz Zabbar sabiex jaghmel *breathyliser test* lil imputat. Qal li meta mar, hu ta l-*caution* lil imputat u dan t-*test* tah *reading* ta' 61mg. Qal li hu fl-ebda hin ma rah isuq.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehed PC 953 Lawrence Cassar** [fol 50] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 hu kien l-Ghassa ta' Wied il-Ghajn fejn gie nfurmat li kien hemm xi incident familjari fi Triq il-Blajjiet u hu mar wahdu. Qal li meta wasal fuq il-post, ra ragel qed jaqsam t-triq u jidhol f'karozza u warajh persuna femminili li bdiet tghidlu biex jwaqqfuh peress li kien fis-sakra. <u>Qal li r-ragel ghamel U turn bil-karozza fit-triq fid-direzzjoni 'l isfel u hu waqqfu u dan obda mill-ewwel</u>. Qal li dan r-ragel kien l-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li hu staqsih kienx xurban u dan rrispondiet li kien xorob xi ftit u ghalhekk ix-xhud talbu c-cwievet tal-karozza u l-imputat tahomlu minnufih. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li ried imur ghand missieru u li ma xtaqx imur lura fid-dar matrimonjali. Qal li hu dahal fid-dar matrimonjali fejn wara l-bieb ta' barra, kien hemm cilindru tal-gass. Qal li hu staqsa lil imputat kif kien spicca hemmhekk c-cilindru tal-gass u martu qaltlu li kien waddabulha l-imputat. Qal li sussegwentement mart l-imputat qaltlu biex jitla fuq maghha u wrietu d-disastru li kien hemm fejn kien hemm tkissir u fliexken. Qal li meta rega' nizel isfel jistenna aktar pulizija jigu fuq il-post, dehrlu li sema' xi theddid w ghalhekk rega' dahal 'l gewwa. Qal li meta staqsa lil mart l-imputat xi kliem kien intqal, din qaltu li l-imputat kien qal li jekk imur xi hadd bl-uniformi, kien lest li jitfaghhom mit-tarag ghal isfel. Qal li hu kien semgha kliem f'dan is-sens wkoll. Qal li apparti l-mara tal-imputat u hu, ma kien hemm hadd aktar fid-dar.

Illi nhar s-sittax ta' Mejju 2005 **xehed PC 190 Jesmond Farrugia** [fol 53] fejn meta gie muri l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument AC 1, a fol 15, qal li dik kienet giet rilaxxjata mill-imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li qabel giet rilaxxjata din l-istqarrija l-imputat

gie moghti s-solita twissija. Ix-xhud fuqha gharaf kemm l-firma tieghu, dik tal-Ispettur kif wkoll tal-imputat.

Illi nhar s-sittax ta’ Mejju 2005 **xehed PC 809 David Sciberras** [fol 55] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2004 ghal xi l-ghaxra ta’ bil-lejl kienu baghtu ghalih mill-Ghassa ta’ Haz Zabbar biex jghamlu *breathyliser test* fuq l-imputat. Qal li dan hu ghamlu fuq l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, flimkien ma PC 770 Trevor Mallia u tali test ta’ rizulta ta’ 61mg. Ikkonferma li qabel ma sar dan t-*test*, l-imputat gie moghti s-solita twissija.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Otubru 2005 **xehed Captain Joseph Debono** [fol 85] fejn qal li lil imputat presenti fl-awla kien jafu peress li kien Gunner mal-Forzi Armati ta’Malta u kellu n-numru tieghu 86332. Qal li l-imputat kien ilu mal-Forzi Armati mis-sittax ta’ Novembru 1994.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** w ikkonferma li kellu xi jghid ma martu Joanne Caruana Bayliss waqt li kienu fid-dar matrimonajli nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Jannar 2001.

Ikkonferma li dakinhar kien xorob eccessiv pero mhux li kien qed isuq fi triq pubblika salv li saq il-vettura minn fuq r-rampa ghal got-triq.

M’ammettiex li tefa’ c-cilindru tal-gass fil-konfront ta’ martu izda qal li dan ic-cilindru kien fl-indana tat-tarag u huwa w hiereg bi hwejjgu, laqtu accidentalment u spicca kkawza xi hsarat fuq il-muzajk tat-tarag u fuq il-bieb ta’ barra minn gewwa.

Ammetta li kisser l-*lampshade* li kien hemm fil-kamra pero ma stqarr xejn fuq l-allegati feriti li sofriet l-istess martu.

Illi f’din is-seduta tat-tletin ta’ Jannar 2006, regghet dehret <u>Joanne Caruana Bayliss w iddikjarat li ma kellhiex aktar interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri u li kienet qed</u>

tirrinunzja ghal azzjoni kriminali migjuba fil-konfront ta’ zewgha l-imputat a bazi tar-rapport taghha.

Illi l-Prosekuzzjoni w id-difiza flimkien ivverbalizzaw fl-istess seduta, li ma kienux qed jinsistu mal-Qorti li tittratta dwar l-ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba u l-hdax l-akkuza stante rinunzja da parti tal-kwerelanti w ghlahekk a bazi tal-istess dikjarazzjoni, il-Qorti qed tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront ta’ dawn l-istess akkuzi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Semghet wkoll lil imputat jiddikjara seduta stante nhar t-tletin ta’ Jannar 2006, li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu fil-fond matrimonjali.

Dwar il-hames akkuza u cioe li allegatament l-imputat hedded lil PC 953 Lawrence Cassar bil-kliem ‘ingerbu t-tarag kolu’, l-istess PC 953 Lawrence Cassar qal li sema’ lil imputat jghid kliem fis-sens li ‘jekk jara xi hadd bl-uniformi kien lest li jitfghu mit-tarag ghal isfel.

Illi ghalhekk il-kliem li sema’ PC 953 Lawrence Cassar ma kienx l-istess li semghet Joanne Caruana Bayliss u cioe mhux necessarjament kienu diretti lejh personali w ghalhekk, din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata.

Dwar s-sitt akkuza, u cioe li l-imputat kien qed isuq l-vettura tal-ghamla Renault Megane, bin-numru ta’ registrazzjoni BAG 389 fi triq f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha, sostniet li hadd ma ra lil imputat isuq ghalkemm effettivament ma kienx qed isuq, izda kien biss bil-qeghda fil-vettura. Illi bir-rispett kollu pero, il-Qorti tirrileva li mill-provi processwali jirrizulta mod iehor u dan ghaliex PS 1330 Alexander Schembri jghid li ra lil imputat jaghmel U turn fl-istess triq. L-istess PS 1330 Alexander Schembri jkompli jghid li wara ftit irnexxielu jwaqqaf lil imputat milli jkompli jsuq.

PC 953 Lawrence Cassar wkoll jghid li ra lil imputat isuq u jghid li ra lil imputat jaghmel U turn bil-karozza fid-direzzjoni 'l isfel u hu waqqfu u dan obda mill-ewwel.

Illi ghalhekk dwar l-fatt jekk l-imputat kienx qed isuq, din il-Qorti m'ghandiex dubbju li hekk kien.

Issa, l-Prosekuzzjoni ressqet lil PC 770 Trevor Mallia u lil PC 809 David Sciberras jixhdu w t-tnejn qalu li ghamlu l-breathyliser test lil imputat ftit wara li tawh s-solita twissija u dan ta rizultat posittiv ghal presenza ta' xorb u cioe ta' 61mg. Illi in oltre l-imputat stess jghid li kien xorob dakinhar, waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u qal wkoll li kien xurban [fol 16] fl-istqarrija li hu rrilaxxja voluntarjament l-ghada tal-incident.

Il-***Qorti tal-Appell Kriminali*** kellha opportunita tfisser f'diversi sentenzi taghha u cioe **Il-Pulizija v Francis Pace** ***deciza nhar t-tnejn ta' Settembru 1999*** u **l-Pulizija v Clare Falzon** ***deciza nhar l-hamsa ta' Marzu 2001***, li ai fini tar-reati kontemplati fl-artikolu 15A(1) tal-Kap 65, jista jittiehed ai fini tar-reat kontemplat, in konsiderazzjoni r-rizultat tar-*road side test* li flimkien ma provi ohra, jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb.

Illi ghalhekk ai fini ta'din l-akkuza, l-Prosekuzzjoni gabet l-ahjar prova w ghalhekk din tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar is-sebgha akkuza u cioe li l-imputat saq jew kellu kontroll tal-istess vettura tal-ghamla Renault Megane, bin-numru ta' registrazzjoni BAG 389 fi triq f'post pubbliku wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina, kien izjed mil-limitu preskritt, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Pace**, fejn gie deciz li sabiex il-Qorti ssib bniedem hati taht l-artikolu 15B, u cioe li saq vettura f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt, huwa necessarju li ssir

analizi tal-kampjun tan-nifs, demm jew urina kif jiddisponi l-artikolu 15E u cioe li l-kampjun jigi analizzat f'laboratorju li jigi approvat b'ordni tal-Ministru koncernat li jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dwar t-tmien akkuza, u cioe li l-imputat saq b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont, il-Qorti thoss li min isuq taht influwenza ta' xorb, ikun traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex ma jkunx f'posizzjoni li jkun fil-kontroll assolut tar-riflessi tieghu w ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat hati ta' sewqan traskurat.

Illi d-disgha, l-ghaxar u t-tnax l-akkuza, ma jirrizultawx ppruvati lanqas remotament w ghalhekk il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta ulterjorment dwarhom.

Fl-ahhar nett, l-imputat gie akkuzat li bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja sabiex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi, il-Qorti ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semghet lil Kaptan Joseph Debono jghid li l-imputat huwa Gunner mal-Forzi Armati ta' Malta bin-numru 86332.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Lulju 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Testa** u **Il-Pulizija v Aldo Fenech** deciza nhar ***l-ewwel ta' Novembru 2002***, [fuq reati simili ghal kaz in ezami u cioe sewqan taht l-inflwuenza ta' xorb], u qalet li:

*"Biex jiskatta d-dover jew l-obbligu taht l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali direttament jew indirettament timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun issorvelja li ma jsirx xi reat partikolari [jew r-reati kollha bhal ma huwa l-kaz ta' Ufficjal tal-Pulizija] jew li jimpedixxi dan r-reat jew reati…."*

Il-Qorti ma thossx li l-imputat kellu xi dmir aktar minn cittadin li mhux ufficjal pubbliku li jimpedixxi l-kommissjoni tar-reati li din il-Qorti sabitu hati taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1) u 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994, tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH CARUANA hati talli saq vettura b'manjiera traskurata meta ma kienx f'posizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**In oltre, tordna li jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' hmistax il-jum mill-lum ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Maltra.**

**Tiddikjara li ma ssibux hati tal-hames, s-sebgha w it-tmien akkuza, [in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz u bla kont], tad-disgha, l-ghaxar, il-hdax w it-tlettax l-akkuza u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 19 immarkata bhala dokument AC 3 li hija wahda nadifia bla ebda debgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk in vista tal-istess u tal-fatt li l-impuat iddikjara li ser jghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu w in vista ta' dak li qal l-Ufficjal tal-Probation li kien qed jissorvelja l-bail conditions tal-imputat, taghmel r-rakkomondazzjoni taghha sabiex din is-sentenza ma teffettwax lil imputat fl-impjieg tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------